5 ta' Diċembru, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Rebecca Aquilina *versus* Giuseppe Sciortino et.**

## Appaltatur — Arkitett — Kolpa — Forza Maġġuri — Art. 1732 tal-Kodiċi Ċivili

*Jekk bini jew xogħol ieħor kbir tal-ġebel, mibni b'appalt, fi żmien ħmistax-il sena minn dak inhar illi tkun tlestiet il-kostruzzjoni jinqered, kollu jew biċċa minnu, jew juri li hemm perikolu ċar li sejjer jiġġarraf, minħabba difett fil-kostruzzjoni, jew ukoll minħabba difett ta' l-art, l-arkitett u l-appaltatur għandhom iwieġbu għal dan.*

*Dina r-responsabilità tinkombi tant fuq l-appaltatur, kemm ukoll fuq l-arkitett li jkun inkarikat mid-direzzjoni tal-kostruzzjoni.*

*Id-difett fil-kostruzzjoni jew fl-art, jikkomprendi anki d-difetti fil-materjali użati fil-kostruzzjoni; għax il-bontà tal-materjali tidħol fl-ambitu tar-responsabilità fuq imsemmija, billi l-eżekuzzjoni tax-xogħol tinvolvi anki l-għażla tal-materjali, u l-appaltatur u l-arkitett ma għandhomx jadoperaw materjali mhux tajba, anki jekk is-sid ikun irid li jiġu użati dawk il-materjali mhux tajba; imma għandhom jirrifjutawhom.*

*Imma din ir-responsabilità mhix assoluta, jiġifieri mhix indipendenti minn kwalunkwe aċċertament ta' kolpa; u lanqas ma hija preżunta din il-kolpa, imma trid tiġi aċċertata; u hija eskluża f'każ ta' forza maġġuri, jew anki f'każ fejn l-imprenditur u l-appaltatur ikunu ħadu l-prekawżjoni solita u d-diliġenza ordinarja meħtieġa biex jaċċertaw illi l-materjal minnhom adoperat fil-kostruzzjoni kien tajjeb. B'mod illi, jekk il-bini in segwitu jaqa' jew isofri danni minħabba difett li jirriżulta li kien hemm fil-materjal meta dan ġie użat, din ir-responsabilità ma teżistix, jekk l-imprenditur u l-arkitett ħadu dik il-prekawzjoni u użaw dik id-diliġenza, u d-difett kien latenti b'mod li ma setax jiġi*

*skopert bid-diliġenza li għandha tiġi adoperata fl-għażla tal-materjali.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi hija nkarikat lill-konvenuti biex isewwu l-ħsara tal-gwerra li ġrat fil-post f'Ħaż-Żebbuġ, Trieq tad-Dawl, numri 15, 16 u 17; liema xogħol il-konvenuti lestew u tħallsu tiegħu; u li milli jidher, ix-xogħol illi l-istess konvenuti għamlu għamluh ħażin, għaliex wara xi sentejn li tlesta waqa' saqaf tal-kamra ta' fuq u waqqa' s-saqaf tal-kamra ta' taħtha, u kisser is-saqaf tal-bir; talbet illi l-istess konvenuti jiġu kundannati jirriparaw il-ħsara fuq riferita fi żmien li jiġi lilhom mogħti, u f'każ ta' nuqqas, li tiġi awtorizzata li tagħmel l-istess xogħol hija għas-spejjeż tal-konvenuti. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tal-21 ta' Novembru, 1952;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha ssottomettew illi x-xogħol li sar kien tajjeb u skond is-sengħa; illi t-travu li nqasam inxtara minnhom mingħand neguzjant tat-travi bi prezz ta' ġdid, u kien fil-fatt ġdid; it-travu żviluppa difetti interni li b'xejn ma kienu jidhru fl-ewwel sentejn jew tlieta li bqiegħed; tant għoġob lill-attriċi li xtrat oħra bħalu; illi dan id-difett latenti jġib li hu applikabbli l-prinċipju tal-liġi "casus sentit dominus";

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' April, 1955, li biha ddeċidiet adeżivament għall-istanza, u pprefiġġiet lill-konvenuti xahar żmien biex jirriparaw il-ħsara lamentata fl-att taċ-ċitazzjoni, barra mill-ħsara fis-saqaf tal-bir, taħt id-direzzjoni ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Professur Robert V. Galea, O.B.E., D.Sc., A. & C.E.; u jekk iż-żmien prefiss lill-konvenuti jiddekorri inutilment, l-attriċi hija awtorizzata tagħmel hija x-xogħol okkorrenti taħt id-direzzjoni ta' l-istess inġinier għas-spejjeż tal-konvenuti; u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża u relativi jitħallsu mingħand il-konvenuti; wara li kkunsidrat;

Illi mill-perizja jirriżultaw il-fatti segwenti; —

Il-fond fuq imsemmi sofra ħsara bl-operazzjonijiet tal-gwerra, u fost ħsarat oħra kien hemm dik konsistenti fi ksur ta' travu, li kien msewwes, fil-bejt numru 16, u fi qsim ta'

dak il-bejt, li allura kien torba. Fuq talba ta' l-attriċi, il-Gvern bagħat nies biex jagħmlu "temporary repairs", u dawn il-ħaddiema biddlu t-travu u poġġew minflokhu travu ieħor, ta' l-injam anki dan; biddlu x-xoroq miksura; u ċċangaw il-wiċċ tal-bejt kollu biċ-ċangatura, minflok ma għamlu torba kif kien hemm qabel. Wara żmien, l-attriċi qabbdet fill-konvenut Sciortino biex jagħmel ix-xogħol ta' rikostruzzjoni, u l-konvenut Perit Rizzo ġie nkarigat bid-direzzjoni ta' dak ix-xogħol u bil-kompilazzjoni tax-"schedule of works";

It-travu li n-nies tal-Gvern kienu poġġew meta għamlu l-imsemmi xogħol temporaneu ġie mibdul b'ieħor ġdid li l-konvenut Sciortino xtara mingħand id-ditta "Mamo" tal-Marsa, u ġew imqegħdin żewġ indani xoroq fuqu, imma l-wiċċ tal-bejt fuq dawn iż-żewġ indani xoroq ma sarx bid-deffun, imma inveċi ġie ċċangat biċ-ċangatura tal-franka fuq it-tajn, bil-fili mħallba bis-siment, u dana b'kontinwazzjoni taċ-ċangatura li l-ħaddiema tal-Gvern kienu poġġew fuq l-indana xoroq bejn it-travu l-ieħor li ma tbiddelx u l-ħajt, peress illi dawk il-ħaddiema kienu ssostitwew bil-paviment taċ-ċangatura l-istrat tat-torba tal-bejt kollu;

Meta x-xogħol tlesta, il-konvenuti talbu lill-attriċi biex tħallashom. Dina rrifjutat, għaliex qalet illi ma kienux għamlu dak li kien hemm imniżżel fil-kont, jew fix-"schedule of works", u ġiet intavolata kawża kontra tagħha, li però ġiet transatta billi l-attriċi ħallset £119. 14s 7d mill-kont li kien jammonta għal £240, billi l-konvenut Sciortino ma tħallasx tad-deffun fil-bejt, għaliex naqqsilha £2 tad-differenza fil-prezz;

Xi sentejn u sebgħa xhur wara li tlesta x-xogħol, it-travu l-ġdid li qiegħed il-konvenut Sciortino inqasam għall-għarrieda u ġġarraf għal isfel, u miegħu niżlu ż-żewġ indani xoroq li kienu jpoġġu fuqu, bit-torba u ċ-ċangatura ta' fuq-hom, u s-sabta tagħhom niżżlet is-saqaf tal-kamra ta' taħt-hom fl-ewwel sular, minbarra żewġ travi ta' l-injam li kienu jsostnuh, u d-debris ġie kollu fuq il-paviment tal-pjan terren;

Il-ħsara kollha ġrat għaliex it-travu li poġġew il-konvenuti tmermer u sar kważi trab in-naħa tar-ras ta' barra tiegħu,

meta nkiser u niżel baqqħet bies f'postha, oltre r-ras immermra, biċċa mill-qalba tat-travu ħierġa minn dik ir-ras;

It-travu kellu difett li jissejjaħ "cup shake", għaliex fissezzjoni lonġitudinali, xi żewġ pulzieri l-ġewwa minn waħda mill-faċċati tiegħu, tidher ċara s-separazzjoni ta' l-"annual rings" tan-naħa ta' barra minn dawk tan-naħa ta' ġewwa, kważi għat-tul kollu tiegħu;

Dana d-difett, għalkemm juri li t-travu kien marid, ma kienx però kaġun tal-ksur tiegħu; għaliex kieku t-travu kien jinkiser mill-parti l-iżjed debboli tiegħu, jiġifieri minn nofsu;

Il-ksur tat-travu kien dovut għall-ilma tax-xita li ppenetra ġol-bejt in-naħa tar-ras tat-travu; għal liema naħa kien il-qlib ta' l-ilma tal-bejt; u baqa' nieżel minn xi xquq, u wasal għal fuq it-travu; liema xquq kienu madwar it-tberfila fejn iċ-ċangatura kienet tmiss mal-ħajt. Ir-ras tat-travu kienet tasal salfaċċata ta' barra tal-ħajt, u t-toqba minn barra kienet miksija bi strat ta' tajn bis-siment li kien jimpedixxi kull ilma li jidħol ġewwa t-toqba tat-travu minn li jibqa' ħiereġ għal barra, u b'dan il-mod l-ilma pproduċa dak li jgħidulu "wet rot", li r-riżultat tiegħu jkun illi dik il-parti ta' l-injam affettata ssir "a brown snuff-coloured powder", kif effettivament ġara f'dan il-każ;

Din id-dekompożizzjoni tat-travu ma kienetx issir hekk malajr kieku t-travu ma kienx ta' dik il-kwalità, li, malli jħossu l-umdità, jissfaxxaw, u li kieku ntħadet kura biex il-bejt, malli beda joqtor, jinżamm riparat;

Id-difett li kien fih it-travu kien tali li bih wieħed ma jistax jinduna bl-eżami li s-soltu jsir tat-travi ta' l-injam; għaliex is-saħħa tat-travu kienet qarrieqa;

Dak li ġara ppreċipita ruħu minħabba fil-kwalità u d-difetti tat-travu; imma l-ħsara saret għaliex ix-xogħol taċ-ċangatura ma sarx tajjeb biżżejjed u għaliex ma saretx premura meta l-bejt beda joqtor. Iċ-ċangaturi ma kellhomx malġenb tagħhom ħalib tas-siment grass jew inkulmar bis-siment kif għandu jkollhom; u allura l-ilma kien jiskula mix-xquq u jasal fuq ir-ras tat-travu; u billi dina kienet tasal sal-faċċata ta' barra tal-ħajt, u t-toqba kienet miksija minn barra bi strat ta' tajn bis-siment li kien jimpedixxi l-ilma milli jibqa' ħiereġ

il-barra, u ma saret l-ebda protezzjoni għar-ras tat-travu, lanqas biss ta' żebgħa, dina r-ras infraċidiet ruħha u kkaġunat il-ksur ta' l-istess travu;

Illi mil-permess jirriżulta li t-travu, anki ta' kwalità tajba, kien jitmermer huwa wkoll fir-ras tiegħu minħabba d-difett fuq imsemmi fil-kostruzzjoni tal-bejt, dovut, kif qal il-perit, għan-nuqqas ta' esperjenza f'dan ix-xogħol ta' min ħadem iċ-ċangatura tal-bejt u "nuqqas ta' żebgħa jew protezzjoni oħra fit-travu". In-nuqqas ta' ħrara biex il-bejt jinżamm f'kondizzjoni tajba wara li beda joqtor, u n-natura tat-travu kkontribwew biex il-ħsara ssir relativament malajr;

Illi, skond il-liġi, jekk bini jew xogħol ieħor kbir ta' ġebel, mibni b'appalt, fi żmistax il-sena minn dak in-nhar li jkun tlestiet il-kostruzzjoni, jinqered, kollu jew biċċa minnu, jew juri periklu ċar li sejjer jiġġarraf minħabba difett fil-kostruzzjoni, jew ukoll minħabba difett ta' l-art, l-arkitett u l-appaltatur għandhom iwieġbu għal dan" (art. 1732 Kodiċi Ċivili); u għalkemm il-Kodiċi ma jitkellimx speċjalment mil-materjali, iżda d-dottrina u l-ġurisprudenza huma naturalment konkordi illi ikun hemm difett ta' kostruzzjoni anki meta dak id-difett jiddependi mill-fatt li jkunu ġew impjegati materjali difettużi; għaliex spiss jiġri illi l-edifizji jaqgħu jew ikollhom bżonn li jiġu rinforzati minħabba l-kwalità ħażina tal-materjali, u l-arkitett u l-imprenditur jirrispondu għall-materjali tant jekk dawk ikunu ġew forniti mill-imprenditur kemm jekk ikunu ġew forniti mill-proprjetarju, jew appaltant; għaliex hu dover ta' l-arkitett u ta' l-appaltatur li jirrifjutaw materjali ħżiena, billi, jekk jadoperawhom, ikunu qegħdin jikkompromettu s-solidità ta' l-edifizji, u per konsegwenza s-sikurezza publika; l-għaliex id-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata, fondata fuq il-prinċipju enunċjat fl-art. 1074 tal-Kodiċi ċitat — kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu — mhix ta' interess privat biss, imma wkoll ta' interess publiku, li jeżiġi illi l-imprenditur u l-arkitett jiggarantixxu s-solidità ta' l-edifizji li jikkostruwixxu konformement għar-regoli ta' l-arti;

Illi fil-każ preżenti t-travu ġie fornit mill-konvenut Sciortino, u dak it-travu kien difettuż, u biż-żmien kien "imur

żgur", anki kieku ma kienx hemm l-imsemmija difetti fil kostruzzjoni; però dak it-travu kien qarrieqi, u l-konvenut Sciortino ma setax induna bid-difett li kellu bl-użu ta' prudenza u ħsieb ordinarju;

Illi, però, anki kieku t-travu kien mingħajr l-imsemmi difett, kien jispiċċa biex jiġġarraf xorta waħda, billi rasu kienet tinfraċidixxi ruħha bl-ilma li kien qiegħed jidħol ġo fiha mill-imsemmijin xquq, *dovuti għal kostruzzjoni difettuża* tal-bejt, billi ċ-ċangaturi ma ġewx maħdumin tajjeb, għaliex ma ġiex imħolli bejniethom dak l-ispazju li hu rikjest biex imbagħad jiġu kolmati tajjeb bis-siment, u dan l-ikkolmar bis-siment ma sarx, u kwindi l-bejt ma sarx impermeabbli. Il-fatt li t-travu kien difettuż ġieb biss li t-tigrif ta' l-imsemmija parti tal-fond sar fi żmien relativament qasir, imma dak it-tiġrif li, almenu skond il-perizja, kien żgur isir, hu dovut għall-imsemmi difett fil-kostruzzjoni tal-fond u għan-nuqqas ta' protezzjoni, lanqas biss taż-żbiegħ ta' ras it-travu, kontra l-infiltrament ta' l-ilma;

Illi għal dan ix-xogħol ħażin għandu jirrispondi l-imprenditur, jiġifieri l-konvenut Sciortino, u anki l-arkitett, il-konvenut l-ieħor Inġinier Rizzo, peress li dan kellu d-direzzjoni tax-xogħol, u d-direzzjoni timporta l-intervent tiegħu fl-eżekuzzjoni tax-xogħol, u għalhekk tabbraċċja wkoll il-verifika tal-materjali u l-mod kif isir ix-xogħol. U difatti l-perit qal fix-xhieda tiegħu illi, kieku kellu jiddiriġi huwa x-xogħol, kien "iġiegħelhom iħallu spazju" bejn ċangatura u oħra u jikkolmawhom bis-siment". Meta l-arkitett u l-imprenditur jikkonkorru fl-istess xogħol, huma jkunu suġġetti għall-istess responsabilità;

Rat fol. 80 il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuti li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u l-t-talba tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

L-iżvolġiment tal-fatti li taw lok għal din il-kawża jinsab miġjub superjorament fil-parti espożitiva tas-sentenza appellata, u għalhekk *ma hemmx bżonn li jiġu replikati,*

L-ewwel pont li għandu jiġi affrontat u riżolut hu dak

dwar ir-raġuni li għaliha l-edifizju msemmi fiċ-ċitazzjoni kkrolla in parti. L-attriċi ssostni li r-raġuni kienet li x-xogħol tal-bejt ma sarx sewwa. Hu fatt, assodat mill-perizja, li x-xogħol tal-bejt ma sarx kif kellu jsir skond is-sengħa; u hu fatt ukoll li dan ix-xogħol sar mill-konvenuti. Il-konvenuti jsostnu li, anki jekk ix-xogħol tal-bejt ma sarx sewwa, l-edifizju kkrolla mhux bħala konsegwenza ta' dak id-difett, iżda minħabba l-kwalità ħażina tat-travu, li kellu vizzju latenti. Dwar dan il-pont saru indaġini eżawrjenti permezz taż-żewġ rapporti peritali fol. 47 u fol. 112, u anki permezz ta' l-eskussjoni tal-perit relatur fol. 69-70, 99-108, u 127 tergo-131;

Il-Qorti hi tal-fehma li minn dawn l-indaġini l-konklużjoni ġusta hija li :—

(a) It-travu kien ta' kwalità ħażina minħabba difett insitu, li jista' jiġi minħabba l-post jew reġjoni mnejn inqata', in-nuqqas ta' stagnar, iż-żmien li fih ikun inqata', u l-età tas-siġra;

(b) Anki kieku x-xogħol tal-bejt sar sewwa, it-travu kien jaqa' l-istess, bħalma ġara f'każijiet oħra fejn ma kienx hemm kwistjoni ta' difett fil-kostruzzjoni tal-bejt (fol. 119); il-kawża estranea tad-difett fil-kostruzzjoni fix-xogħol tal-bejt għaġġlet l-isfaxxament tiegħu;

(c) Kieku t-travu kien tajjeb, il-kawża estranea (xogħol ħażin tal-bejt) eventwalment kienet tista' ġġib li jaqa' t-travu; imma dan wara żmien aktarx twil;

Dawn il-konklużjonijiet, maħruġin mill-perizja u mill-eskussjoni tal-perit, iwasslu għall-konklużjoni l-oħra li l-kawża ta' dak li ġara ma kienetx il-kostruzzjoni difettuża tal-bejt, imma d-difett insitu tat-travu. Infatti :—

(a) It-travu l-ieħor, li ġie poġġut meta saru t-"temporary repairs" fil-1942-1943 (fol. 24 tergo u fol. 26), u li preżumibilment kien taħt l-istess kondizzjonijiet tat-travu in kwistjoni, għadu tajjeb u sħieħ;

(b) Travi ta' żmien l-Ordni, avvolja bi rjus deterjorati ħafna, ma waqgħux (fol. 116);

(c) Meta t-travu jkun tajjeb, hemm il-vantaġġ li r-reżistenza tiegħu tagħti ċ-"chance" li wieħed jinduna b'dak

li jkun qiegħed jikkagunalu d-deterjorament, u konsegwentement li jirripara d-difett u jsalva t-travu. Mentri travu b'difett insitu ma għandu ebda reżistenza għall-fatturi ta' diżintegrazzjoni, u jirrovina inaspettatament u fi żmien qasir, bla ma jagħti ebda "chance" li jiġi rimedjat il-gwaj (fol. 116-177);

(d) Travi ta' l-istess importazzjoni waqgħu, jew kellhom jiġu mneħħijin, f'diversi bnadi ta' Malta u Għawdex, fi żmien qasir, bla ma kien hemm ebda kawża estranea kontribwenti, iżda unikament minħabba d-difett insitu tagħhom (xhieda periti Vassallo u Malħa, fol. 16 tergo-17 tergo, u 19-19 tergo);

Meħa jiġi li, mentri t-travu, kieku tajjeb, avvolja l-bejt kien magħmul ħażin, seta' jirrovina fi żmien twil, anki, kif qal il-perit ġudizzjarju, f'mitt sena jew iżjed (fol. 105), u seta' wkoll ma jirrovinax, għax f'dak iż-żmien twil kien ikun hemm l-opportunità kollha li wieħed jirmedja għal fattur estraneu li kien qiegħed jgħarraq it-travu, għall-kuntrarju, travu b'dan id-difett insitu, fuq imsemmi, kien jirrovina anki bla ma jkun hemm ebda kawża estranea, anki mingħajr ixxogħol ħażin tal-bejt. Bħala konsegwenza ta' dak ix-xogħol ħażin seta' waqa' aktar malajr; imma anki dina l-aċċelerazzjoni stess tar-rovina tiegħu "hi ukoll dovuta għad-debolezza tiegħu", li ma tikkomportax reżistenza għad-"deteriorating agents" (ara partikularment it-tieni relazzjoni peritali, "passim"). Dan in-nuqqas ta' reżistenza, dovut għal debolezza insita tat-travu, iġib li ma jkunx hemm iċ-"chance" li jsir rimedju għall-fattur estraneau;

Stabilit, għalhekk, li kien id-difett insitu tat-travu li ġieb il-kroll ta' l-edifizju, il-Qorti tgħaddi biex taffronta t-tieni pont, jekk ċjoè l-konvenuti humiex responsabbli għall-kwalità difettuża tat-travu;

Il-materja hija regolata bl-art. 1732 Kap. 23 Ediz. Riv., li jgħid hekk: "Jekk bini jew xogħol ieħor kbir tal-ġebel, mibni b'appalt, fi żmien ħmistax-il sena minn dak inhar li tkun tlestiet il-kostruzzjoni, jinqered kollu jew biċċa min-

nu, jew juri li hemm perikolu ċar li sejjer jiġġarraf, minħabba difett fil-kostruzzjoni, jew ukoll minħabba difett ta' l-art, l-arkitett u l-appaltatur għandhom iwieġbu għal dan";

Peress li sejra tiġi ċitata xi ġurisprudenza u dottrina kontinentali, jixraq li jingħad li fil-Kodiċi Taljan hemm dispożizzjoni simili fl-art. 1639, li jgħid hekk: "Se nel corso di dieci anni in cui fu compiuta la fabbricazione di un edifizio od altra opera notabile, l'uno o l'altro rovina in tutto o in parte, o presenta evidente pericolo di rovinare per difetto di costruzione, o per vizio del suolo, l'architetto e l'imprenditore ne sono responsabili";

Dispożizzjoni oħra simili hemm anki fil-Kodiċi Franċiż, art. 1792, li hi hekk konċepita: "Se l'edifizio costrutto a prezzo fatto perisca in tutto o in parte per difetto di costruzione, od anche per vizio del suolo, l'architetto e l'appaltatore ne sono responsabili durante il corso di dieci anni";

Il-kliem użati, tant fil-Kodiċi Malti kemm fiż-żewġ kodiċijiet fuq imsemmijin, huma "difett ta' kostruzzjoni jew difett ta' l-art";

Għalhekk hu spedjenti li jiġi eżaminat il-pont jekk din il-lokuzzjoni tikkomprendix anki d-difett fil-materjali użati;

Id-dottrina u l-ġurisprudenza huma unanimi li l-materjali huma kompriżi. Jgħid il-Marcadé (Spiegaz. Cod. Nap. Vol. VIII, p. 604): "Egli (il costruttore) dovrà parimenti badare se i materiali siano buoni, sicchè il difetto di costruzione comprende non solo la edificazione contraria alle regole, ma ben ancò l'uso di materiali viziosi, quand'anche fossero somministrati dal proprietario, poichè il costruttore aveva l'obbligo di rifiutarli";

L-istess ir-Ricci — Corso Teor. Prat. Dto. Civ. — Vol. VIII, p. 429: "D'altronde la responsabilità dell'architetto ed imprenditore si estende a tutta l'opera, e cosí tanto ai materiali che la compongono quanto al lavoro occorso per metterli in opera ......";

L-istess isostni l-Laurent (Princip. Dto. Civ., Vol. XXVI, paġ. 26, para. 35);

Ara wkoll Fadda, Gpza. Cod. Civ., para. 100, comm. art. 1639, Vol. IX);

Għalhekk il-bontà tal-materjal użat tidħol fl-ambitu tar-responsabilità taħt l-art. 1732 fuq ċitat;

Issa l-Qorti għandha tara jekk dan l-artikolu jistabbilix-xix preżunzjoni ta' kolpa "Juris et de jure" kontra l-imprenditur u l-arkitett, jew għandhiex tiġi pruvata kontra tagħhom il-kolpa, u liema xorta ta' kolpa, u ta' liema grad jeħtieġ li tiġi pruvata kontra tagħhom. Id-difensur ta' l-appellat sostna li hemm responsabilità assoluta; għaliex l-art. 1732 jikkontjeni dispożizzjoni ta' ordni publiku;

Issa, dan hu veru; imma biss fis-sens li, stante l-interess tal-publiku fis-solidità ta' l-edifizji, l-appaltatur jew il-perit ma jistgħux jiġu eżonerati billi jgħidu li sid il-bini stess kien kuntent li, għall-ekonomija, jiġi ntużat materjal ħażin. Qalet a propożitu sentenza tal-Kassazzjoni Taljana, riportata in sunto fil-Fadda, para. 24 loc. ċit.: "La responsabilità del costruttore di edifici o di altre opere notabili è di ordine pubblico, e perciò va determinata obbiettivamente con esclusivo riguardo alla natura dell'opera e con assoluta astrazione dagli accordi che siano eventualmente intervenuti o dalle dichiarazioni che il committente abbia fatto prima della costruzione in ordine al carattere più o meno duraturo dell'opera stessa ......";

**Hekk** ukoll il-Laurent loc. ċit., p. 25): "Le parti non possono fare convenzioni che compromettano la sicurezza delle persone; e quindi l'architetto non può scusarsi d'aver costrutto sopra un suolo viziato, quand'anche il proprietario gliene avesse dato l'ordine. Invano il proprietario lo scioglierebbe dalla responsabilità che la legge gli impone. Non spetta a lui scioglierlo da simile responsabilità, perchè non si tratta di interessi pecuniari. La vita di coloro che abiteranno l'edificio sarà in pericolo, e quindi si trova in causa l'ordine publico. Il che è decisivo";

Hemm anki sentenza inedita tal-Qrati Tagħna (Prim'Awla, Imħ. Dr. G. Pullicino, "Grixti vs. Scicluna", 31 ta' Jannar, 1902) li rrilevat l-istess pont, meta qalet, fuq l-awtorità ta' l-Aubry et Rau: "La loro responsabilità è stabilita per motivi di ordine pubblico, e non è coperta dalla scienza od acquiescenza del committente in riguardo alle irregolarità

commesse, quando queste sono tali da pericolare la solidità dell'edifizio";

Għalhekk ma għandhiex raġun l-attriċi meta qalet li r-responsabilità ta' dak l-artikolu, peress li hi ta' ordni publiku, hi assoluta, ċjoè bla riferenza għall-aċċertament tal-kolpa;

Lanqas hemm preżunzjoni ta' kolpa;

Il-Pacifici Mazzoni, Delle Locaz. n. 303, donnu jsostni li hemm din il-preżunzjoni; imma t-teorija tiegħu ġiet kombattuta trijonfalment mir-Ricci, loc. ċit. paġ. 425, b'argumenti stringenti (ara para. 238). Il-Laurent l-istess jesklu-di l-konċett ta' preżunzjoni ta' kolpa (loc. ċit., para. 30-31-32). Tant ir-Ricci u l-Laurent jgħidu, bir-raġun, li t-test tal-liġi ma jikkrea ebda preżunzjoni ta' kolpa; u l-preżunzjonijiet ma jinħolqux b'induzzjoni. Il-Laurent anzi jikkommenta dwar id-diskussjoni ta' l-artikolu in diżamina fid-diskussjoni tal-proġett fil-korp leġislatur franċiż, u josserva li matul id-diskussjoni kollha ebda oratur ma semma l-idea ta' preżunzjoni ta' kolpa;

Però, kif jinnota l-Marcadé, loc. ċit., p. 608, għalkemm ma hemmx preżunzjoni legali ta' ħtija, b'dankollu, meta edifizju jaqa' fiż-żmien stabbilit mid-dispożizzjoni tal-liġi, ma tantx jista' jkun li waqa' b'vetustà, imma aktarx b'vizzju ta' l-art jew tal-kostruzzjoni, ammenokkè ma jiġix pruvat każ ta' forza maġġuri. U f'dan is-sens jgħid dan l-awtur: "I fatti parlano da sè ......" U jżid: "Poichè il solo avvenimento di forza maggiore può distruggere la prova nascente dal fatto";

Dan l-aspett ġuridiku, prospettat mil-Marcadè, jidher sewwa; u f'dan is-sens tidher li hija l-ġurisprudenza Taljana, kif wieħed jista' jara mid-diversi deċiżjonijiet riportati fil-Fadda, para. 121 et seq. taħt is-sottotitolu "Elementi di esonero di responsabilità" — commento art. 1639;

Kwantu għax-xorta ta' kolpa, għandu jiġi notat li din hija responsabilità, mhux akwiljana, iżda konvenzjonali (Laurent, loc. ċit., para. 64);

Din il-Qorti, fis-sentenza "Vella vs. Scerri", 28 ta' Novembru, 1862 (Pres. Sir Antonio Micallef, Imħallfin Dr. Ignazio Schembri u Dr. Francesco Fiteni), iffissat il-pożiz-

*zjoni b'dawn il-kliem*: *"Atteso che, sebbene è certo che,* quando l'edificio perisce per difetto di costruzione, ed anche per vizio del suolo, l'architetto ne è responsabile, la regola però non è applicabile nel caso in cui il difetto ed il vizio, usate le comuni solite ed ordinarie diligenze che dagli architetti si adoperano, non sia stato di tale specie da poter essere osservato e preveduto. La detta responsabilità dell'architetto è basata sul fondamento che egli sia in colpa nel non aver osservato e preveduto il difetto della costruzione e del suolo, *e quindi deve cessare quando nel fatto consti che, non ostante* la rovina ed in danno sofferto dall'edificio, all'archittetto non sia stato imputabile nessun grado di colpa, sia per imperizia, sia per omissione delle debite e solite precauzioni e diligenze";

Anki fis-sistema Ingliż ir-responsabilità hi fil-miżura fuq indikata: "The duty of an architect is to use the care and skill of an architect of ordinary competence measured by the professional standard of the time" (Charlesworth, The Law of *Negligence, 2nd edition, p. 419);*

Għalhekk jeħtieġ issa li jiġi eżaminat jekk il-konvenuti humiex responsabili għad-difett insitu tat-travu;

Jirriżulta mill-provi li t-travu ġie mixtri u fornit mill-konvenut Sciortino permezz ta' sieħbu Carmelo Grech. Iżda l-konvenut Perit Rizzo hu ko-involt fl-eżami ta' dan il-pont, għaliex hu ddiriġa x-xogħlijiet, u, kif josserva l-Laurent (loc. cit., para. 38 in fine), "la direzione comprende anche la verifica dei materiali ......";

Deher mill-provi li dan it-travu kien wieħed minn dawk li kienet iġġib mill-Italja d-ditta "Mamo", mnejn kien inxtara, u li wara rriżulta, mill-esperjenza ta' l-avvenimenti, li dawn it-travi, għalkemm apparentement sbieħ u b'saħħithom, kienu, minħabba debolezza insita u latenti fihom, jitmermru f'qasir żmien meta jitpoġġew taħt bjut, fejn, anki jekk ma jkunx hemm xogħol ħażin, hemm dejjem ċertu grad ta' umdità. Il-perit relatur aċċerta li dan id-difett fit-travu kien tali li wieħed ma jistax jinduna bih bl-eżami li soltu isir, skond il-prattika kostanti, ta' travi ta' l-injam. Din il-prova, li soltu ssir, saret f'dan il-każ, ċjoè ġie verifikat il-

piż tat-travu, u car l-eżami bil-mus, u intant, peress li l-vizzju kien latenti, ma deher xejn, u t-travu rriżulta apparentement b'saħħtu. Id-difett lanqas kien jinkixef kieku l-prova saret bil-berrina. L-istess perit assikura li, non ostante t-"testa" kollha, id-difett ma setax jiġi skopert. Lanqas jista' jingħad li l-konvenuti kien imissħom jivverifikaw il-provenjenza, jew jinsistu li jkollħom ċertifikat tas-"seasoning"; għaliex fil-prattika dana ma jsirx, u d-diliġenza meħtieġa hi dik ta' "buon padre di famiglia" (Laurent, loc. ċit., p. 21), u mhux dik metikoluża, straordinarja u eċċezzjonali. Il-perit relatur assikura lill-Qorti li fl-esperjenza tiegħu ta' qrib il-ħamsin sena qatt ma ġara każ simili (fol. 52 u 127 tergo-131). Jidher ċar li dan kien fortuwitu imprevedibbli ta' spedizzjoni ta' travi b'difett latenti fil-perijodu immedjat tad-"dopo guerra". Għalhekk dan kien każ fortuwitu, li hu appuntu event mhux dipendenti mill-fatt tal-konvenuti. Anki l-fatt tat-terz (f'dan il-każ il-fatt tad-ditta speditriċi, li bagħtet travu mhux staġnat, jew maqtugħ minn siġra xieħa, jew maqtugħ barra minn żmienu) jikkostitwixxi l-fortuwitu, meta dak il-fatt kien barra l-possibilità raġjonevoli ta' kontroll tad-debitur. Għalhekk il-konvenuti ma jistgħux jiġu ritenuti responsabbli;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi;

Stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa; id-dritt tar-Reġistru, però, fiż-żewġ istanzi jitħallas mill-attriċi.

---

Tmiem tat-Tieni Sezzjoni

ta' L-Ewwel Parti tal-Volum XXXIX.

---